MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Numru. 613/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**VS**
**CHARLES GALDES**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Charles Galdes ta’ 44 sena, bin Alfred u Stella nee’ Zammit, mwieled fit- 2 ta’ Awwissu 1968, residenti 268, Sacred Heart, Triq is- Sorijiet, Tarxien u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 362468M;

Talli fis- 7 ta’ Frar 2011, ghall- habta tas- 6.30hrs gewwa Triq Hal- Tarxien, Gudja waqt li kien qed isuq vettura HMY 228 ;

1) b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti, ikkaguna offizi ta’ natura gravi u perdurata fuq il- persuna ta’ Geoffrey Bouvett skond kif iccertifika Dr. Paul Zammit mill- isptar Mater Dei;
2) b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti, ikkaguna hsara nvolontarja fuq mutur HAU 159 ghad- dannu ta’ Geoffrey Bouvett;
3) saq il- vettura HMY 228 b’ manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta’ gbir ta’ provi tal-Prosekuzzjoni f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza kienet tittratta kollizjoni bejn zewg vetturi, mutur bin-numru HAU 159 misjuq minn Geoffrey Tony Bouvett, u minibus bin-numru HMY 228 misjuqa mill-imputat. Illi bl-ammissjoni tieghu, l-imputat qed jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Il-Qorti giet infurmata li l-parti leza kienet thallset mill-assikurazzjoni ghad-danni sofferti f’dan l-incident., u ma kellha ebda pretensjoni ohra kontra l-imputat. Il-Qorti rat illi dan l-incident kien wiehed purament fortuwitu, u ghalkemm kien frott ta’ sewqan traskurat da parti tal-imputat, ma kien hemm ebda sewqan b’velocita’ eccessiva jew sewqan perikoluz da parti tieghu. L-incident sehh peress illi l-imputat ma zammx dak li

jissejjah “a proper lookout” u habat mal-mutur misjuq minn Bouvett.

L-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma komprizi w involuti f’xulxin, u ghalhekk ghandu jkun hemm temperament fil-piena. Inoltre, in vista li d-danni sofferti gew mhallsa ghas-saldu, u in vista li l-incident per se ma kienx wiehed ta’ portata konsiderevoli, il-Qorti m’hijiex ser tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat, u l-anqas m’hi ser taghti provvediment ghall-hlas ta’ danni. Kwantu ghall-piena, ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li sanzjoni fil-komunita’ ghandha tkun sufficjenti f’dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 328 u 226 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta’ elfejn u tlett mitt ewro (€2,300).

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------